

32001R2415

L 327/3

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.12.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2415/2001  
ta' l-10 ta' Diċembru 2001**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2666/2000 dwar għajnuna għall-Albanija, l-Bosnja u Herzegovina, l-Kroazja, r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u r-Regolament (KE) Nru 2667/2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Komunità Ewropea hija impenjata li tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-ex Repubblika Jugoslavja tal-Maċedonja, inkluż fl-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Ftehim tat-13 ta' Awissu 2001.
- (2) Is-sitwazzjoni fil-pajjiż teħtieġ it-twassil effiċjenti u mgħaġġel ta' għajnunata tal-Komunità li huwa l-aħjar faċilitat permezz ta' l-implimentazzjoni lokali.
- (3) L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejja "l-Aġenzija", imwaqqfa taħt ir-Regolament (KE) Nru 2667/2000 <sup>(3)</sup>, għandha esperjenza wiesgħa u hija mqiegheda sew biex twassal l-għajuna tal-Komunità.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2666/2000 <sup>(4)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 2667/2000 għandu għalhekk jiġi emendat biex jestendi l-attivitajiet ta' l-Aġenzija għall-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.
- (5) L-implimentazzjoni ta' l-għajuna tal-Komunità fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja deċiża taħt strumenti oħra tista' tiġi delegata mill-Kummissjoni lill-Aġenzija.
- (6) It-Trattat ma jipprovdi, għall-addozzjoni ta' dan ir-Regolament, setgħat barra minn dawk taħt l-Artikolu 308,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2666/2000 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej: fl-Artikolu 4(1) u (2) "Repubblika Federali tal-Jugoslavja"

<sup>(1)</sup> ĠU C 332 E, 27.11.2001, p. 338.

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fid-29 ta' Novembru 2001 (għada mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7.

<sup>(4)</sup> ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1.

għandha tiġi mibdula fir-"Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Federali tal-Jugoslavja".

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 2667/2000 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni tista' tiddelega x-xogħlijiet li ġejjin lill-Aġenzija:

- (i) implimentazzjoni ta' għajnuna tal-Komunità provduta fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2666/2000 lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;
- (ii) implimentazzjoni ta' għajnuna tal-Komunità deċiża mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-istrumenti oħra disponibbli għall-pajjiżi konċernati. F'dawn il-każi dan għandu jsir skond id-disposizzjonijiet relevanti tar-Regolamenti u l-Artikolu 2(1)(b) u (c), l-Artikolu 2(2), (3) u (4), l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(1)(a) sa (c) u (h) ta' dan ir-Regolament m'għandhomx japplikaw.

2. L-Aġenzija Ewropea għar-rikostruzzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejja 'l-Aġenzija', għandha titwaqqaf għal dak il-għan bil-mira li timplimenta l-għajnunata tal-Komunità riferita fil-paragrafu 1."

2. L-Artikolu 2(1) u (2) "Repubblika Federali tal-Jugoslavja" għandha tiġi mibdula fir-"Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Federali tal-Maċedonja".
3. L-Artikolu 4(1) u (2) "Repubblika Federali tal-Jugoslavja" għandha tiġi mibdula fir-"Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Federali tal-Maċedonja".
4. Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) u (2) "Repubblika Federali tal-Jugoslavja" għandha tiġi mibdula fir-"Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Federali tal-Maċedonja".
5. Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(3) "Repubblika Federali tal-Jugoslavja" għandha tiġi mibdula fir-"Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Federali tal-Maċedonja".
6. F-Artikolu 15 "Repubblika Federali tal-Jugoslavja" għandha tiġi mibdula fir-"Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-ex Repubblika Federali tal-Maċedonja".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. MICHEL

---